MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 516/2005

**APS Bank Limited (C 2192)**

**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited (C 20995)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn u tnejn u disghin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm4,292.67), rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti 11957530036 (Dok A).

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh, u bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 2005 sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Mejju, 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------